DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1298

tal-31 ta' Lulju 2019

b'appoġġ għal djalogu u kooperazzjoni bejn l-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fl-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA) daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014, u l-Istati Membri kollha huma parti għalih. It-TKA għandu l-għan li jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli għar-regolamentazzjoni tal-kummerċ legali ta' armi konvenzjonali u għall-prevenzjoni u l-qerda tal-kummerċ illeċitu ta' armi konvenzjonali u għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni tagħhom.

(2) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti u l-Munizzjon tagħhom "Aktar sigurtà fuq l-armi biex nipproteġu liċ-ċittadini" (l-"Istrateġija"). L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU tal-2001 għall-prevenzjoni, il-ġlieda u l-qerda tal-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu hija l-objettiv ewlieni tal-Istrateġija. Skont l-Istrateġija, l-UE ser tkompli tippromwovi kontroll responsabbli u effettiv tal-esportazzjoni tal-armi u ser tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-TKA. L-Istrateġija tipprevedi wkoll li l-UE ser tkompli tappoġġa lill-Unjoni Afrikana u lill-komunitajiet ekonomiċi reġjonali rilevanti fl-isforzi tagħhom kontra l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom.

(3) F'Jannar 2017, it-28 Sessjoni Ordinarji tal-Assemblea tal-Unjoni Afrikana adottat il-"Pjan Direzzjonali Prinċipali ta' Passi Prattiċi tal-Unjoni Afrikana biex Jissikktu l-Pistoli fl-Afrika sas-Sena 2020" fejn l-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana impenjaw irwieħhom biex: irażżnu l-influss u ċ-ċirkolazzjoni illegali ta' armi illeċiti; jimpedixxu l-aċċess għall-armi mir-ribelli; u jaqtgħu il-konnessjonijiet mal-fornituri u r-riċevituri ta' armi illeċiti, inkluż l-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet, f'konformità mat-TKA.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar Strateġija tal-UE għaċ-Ċina tat-18 ta' Lulju 2016, il-Kunsill appoġġa l-istabbiliment ta' djalogu regolari u sostanzjali tal-UE maċ-Ċina biex ifittxu, flimkien mal-Istati Membri, aktar punti ta' qbil dwar id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni u ċ-ċibersigurtà.

(5) Fit-30 ta' Ġunju 2018, it-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rieżami tal-Progress li sar fl-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU kontra l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti adottat dokument ta' eżitu li fih l-Istati jġeddu l-impenn tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu d-devjazzjoni tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir. L-Istati jaffermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jwettqu kooperazzjoni internazzjonali u li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali, permezz ta' koordinazzjoni, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali mtejba, bl-involviment ta' organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali rilevanti, kif ukoll awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-kontroll fuq il-fruntiera u tal-liċenzji tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. L-Istati jimpenjaw ruħhom ukoll li jiskambjaw u, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali tal-Istati u mar-rekwiżiti ta' sigurtà, japplikaw l-esperjenzi, it-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni, tal-importazzjoni u tat-tranżitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, inkluż proċessi ta' ċertifikazzjoni u ċertifikati tal-utenti finali.

(6) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tafferma li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir hija meħtieġa għall-kisba ta' ħafna għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, inkluż dawk relatati mal-paċi, mal-ġustizzja u ma' istituzzjonijiet b'saħħithom, mat-tnaqqis tal-faqar, mat-tkabbir ekonomiku, mas-saħħa, mal-ugwaljanza bejn is-sessi u ma' bliet sikuri. Għalhekk, fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16.4, l-Istati kollha impenjaw ruħhom li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi finanzjarji u ta' armi illeċiti.

(7) Fis-27 ta' Frar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/121/PESK [1], b'appoġġ għall-attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali. Dak il-proġett ġie implimentat b'suċċess minn Saferworld, iżda huma meħtieġa aktar sforzi f'dan il-qasam biex jintlaħqu l-objettivi stipulati f'dik id-Deċiżjoni.

(8) Mill-2008, il-Kunsill adotta ħdax-il Deċiżjoni b'appoġġ għas-sensibilizzazzjoni għall-kontroll responsabbli tal-esportazzjoni tal-armi skont it-TKA u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK [2], iżda l-involviment maċ-Ċina dwar dan is-suġġett kien limitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni tal-armi u l-munizzjon fl-Afrika.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tappoġġa l-objettivi li ġejjin:

(a) is-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati fl-Afrika, fiċ-Ċina u fl-Unjoni dwar kif il-fluss illeċitu ta' armi, b'mod partikolari l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom, għand atturi mhux awtorizzati jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiżdiedu l-insikurezza u l-vjolenza f'diversi partijiet tal-Afrika, u b'hekk jiddgħajfu l-koeżjoni soċjali, is-sigurtà pubblika, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-funzjonament effettiv tal-istituzzjonijiet tal-istat;

(b) il-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u tar-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ legali tal-armi u billi jintwera lill-partijiet ikkonċernati fl-Afrika, fiċ-Ċina u fl-Unjoni kif il-kontroll effettiv tal-esportazzjoni tal-armi jista' jikkontribwixxi biex jittaffa r-riskju tad-devjazzjoni tal-armi lejn is-suq illeċitu.

3. Biex jinkisbu dawk l-objettivi, din id-Deċiżjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma ta' Esperti nongovernattiv konġunt bejn l-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa dwar il-kontroll tal-armi konvenzjonali ("ĠĦE") li l-kompiti ewlenin tiegħu ser ikunu li jżid l-għarfien u l-impenn u li jixpruna l-azzjoni mill-komunitajiet ta' politika fl-Afrika, iċ-Ċina, u l-Unjoni, u li jsaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-armi u l-munizzjon fl-Afrika.

4. L-eżiti mistennija ta' din id-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

(a) fehim aħjar tal-impatt tad-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-armi fl-Afrika li jirriżulta minn riċerka konġunta u analiżi orjentata lejn l-azzjoni minn riċerkaturi u akkademiċi mill-Afrika, miċ-Ċina u mill-Unjoni, b'rakkomandazzjonijiet għal proġetti speċifiċi appoġġati miċ-Ċina;

(b) żieda fl-għarfien min-naħa tal-partijiet ikkonċernati fl-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni tar-rwol tal-kontroll effettiv tal-esportazzjoni tal-armi fit-tnaqqis tar-riskju tad-devjazzjoni u l-impatti negattivi ta' armi u munizzjon illeċiti fl-Afrika;

(c) żieda fil-kontribut taċ-Ċina għal inizjattivi internazzjonali u reġjonali rilevanti, li jinkludu l-inizjattiva tal-Unjoni Afrikan biex jissikktu l-pistoli fl-Afrika sal-2020 u l-implimentazzjoni tat-TKA;

(d) il-kunsiderazzjoni tal-kontroll ta' armi ta' kalibru żgħir fuq l-aġenda tal-Forum dwar il-Kooperazzjoni bejn iċ-Ċina u l-Afrika (FOCAC);

(e) il-ħolqien ta' fora ġodda li jlaqqgħu flimkien esperti mill-gvern, is-soċjetà ċivili, in-negozju u l-akkademja mill-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni, li jgħinu fl-informazzjoni tad-Djalogu Strateġiku ta' Livell Għoli UE-Ċina.

5. Il-benefiċjarji diretti tal-proġetti, skont stimi, ser ikunu 500 attur tal-komunitajiet għat-tfassil tal-politika fl-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni, inklużorganizzazzjonijiet nongovernattivi, gruppi ta' riflessjoni, rappreżentanti tal-industrija, uffiċjali tal-gvern inkarigati mill-kontroll ta' armi konvenzjonali, u membri parlamentari. Il-benefiċjarji indiretti ser ikunu l-popolazzjoni, il-komunitajiet, il-gruppi u l-individwi fl-Afrika li huma milquta ħażin mill-proliferazzjoni tal-armi u l-munizzjon illeċiti fil-kontinent.

6. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/121/PESK tas-27 ta' Frar 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali (ĠU L 54, 28.2.2012, p. 8).

[2] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-organizzazzjoni nongovernattiva Saferworld.

3. Saferworld għandha twettaq il-kompiti tagħha taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak il-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa ma' Saferworld.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 994 007.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim finanzjarju neċessarju ma' Saferworld. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jipprevedi li Saferworld għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari kull tliet xhur imħejjija minn Saferworld. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkunx ġie konkluż ftehim f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

ANNESS

DJALOGU U KOOPERAZZJONI BEJN L-AFRIKA, IĊ-ĊINA U L-EWROPA DWAR IL-PREVENZJONI TAD-DEVJAZZJONI TA' ARMI U MUNIZZJON FL-AFRIKA

1. Deskrizzjoni tal-proġett u tal-attivitajiet

Il-proġett ser jikkonsisti f'żewġ fażijiet ewlenin, kif spjegat fil-qosor hawn taħt fit-taqsimiet 1.1 dwar l-istabbiliment ta' GĦE u 1.2 dwar il-komunikazzjoni ma' partijiet ikkonċernati fl-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni li jippromwovu azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-armi u l-munizzjon fl-Afrika.

1.1. Faża 1: L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma ta' Esperti konġunt nongovernattiv bejn l-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fl-Afrika

1.1.1. Objettivi

L-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma ta' Esperti konġunt nongovernattiv bejn l-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa (GĦE) li jlaqqa' flimkien esperti nongovernattivi mill-Afrika, miċ-Ċina u mill-Unjoni li jinvolvu ruħhom fil-komunikazzjoni ma' partijiet ikkonċernati fl-Afrika, fiċ-Ċina u fl-Unjoni u li jappoġġaw djalogu u kooperazzjoni trilaterali dwar il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fl-Afrika, bil-ħsieb li:

(a) jidentifika l-prezz tas-sigurtà, soċjoekonomiku u umanitarju tad-devjazzjoni ta' armi, speċjalment armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom, fl-Afrika u li juri l-modi kif it-titjib tal-kontroll tat-trasferiment tal-armi, anki fuq in-naħa tal-provvista, jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqas ir-riskju tad-devjazzjoni ta' armi f'idejn atturi mhux awtorizzati;

(b) iservi ta' għajnuna biex jitnebbaħ id-Djalogu Strateġiku ta' Livell Għoli UE-Ċina, speċjalment dwar il-kooperazzjoni fis-sigurtà u fil-kontroll tal-armi fl-Afrika;

(c) jikkondividi informazzjoni, ideat, għarfien espert u riċerka fost il-membri tiegħu u jivvaluta l-effettività tal-politiki u l-inizjattivi attwali;

(d) javviċina b'mod attiv lil partijiet ikkonċernati governattivi u jagħmlilhom ir-rakkomandazzjonijiet. Uffiċjali mill-Afrika, miċ-Ċina, mill-Unjoni u mill-Istati Membri ser jiġu mistiedna biex josservaw u jikkontribwixxu għall-ħidma tal-GĦE.

1.1.2. Attivitajiet

L-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fil-Faża 1 ser jinkludu:

(a) it-tfassil u l-iżvilupp minn Saferworld ta' approċċ ta' involviment għas-sħab ewlenin u l-partijiet ikkonċernati fil-gvernijiet, is-settur tan-negozju, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet akkademiċi, aġenziji multilaterali, kif ukoll atturi fil-livell reġjonali u tal-komunità, li ser ikunu kruċjali għas-suċċess u s-sostenibbiltà tal-proġett;

(b) abbażi tal-kisbiet ta' proġett tal-Unjoni appoġġat fil-qafas tad-Deċiżjoni 2012/121/PESK: (i) l-organizzazzjoni ta' massimu ta' 20 laqgħa preparatorja u ta' segwitu fl-Afrika, iċ-Ċina u fl-Ewropa biex jiżdied l-għarfien dwar il-proġett, inkluż l-istruttura u l-iskeda ta' żmien, u jiġi żgurat l-appoġġ tal-awtoritajiet rilevanti (ii) l-identifikazzjoni ta' esperti ewlenin fl-Afrika, fiċ-Ċina u fl-Unjoni li ser ikunu involuti fil-GĦE; (iii) l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma dettaljati għall-istabbiliment u l-attivazzjoni tal-GĦE; (iv) l-istabbiliment ta' tim ta' koordinazzjoni tal-proġett; (v) id-delineazzjoni u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fost it-tim; u (vi) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet;

(c) il-ħolqien ta' GĦE li jappoġġa djalogu u kooperazzjoni trilaterali. Il-GĦE huwa mistenni li jinkludi disa' esperti tal-kontroll tal-armi ta' kalibru żgħir mill-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa li għandhom jittieħdu minn gruppi ta' riflessjoni, ċentri ta' riċerka u istituzzjonijiet akkademiċi, li ser jintgħażlu fuq il-bażi tal-interessi, l-għarfien espert u l-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom fil-proġett.

(d) il-ħolqien ta' sit web tal-GĦE, li ser jaġixxi bħala pjattaforma online għall-interfaċċa pubblika tal-GĦE;

(e) tliet laqgħat tal-GĦE (waħda fl-Afrika, waħda fiċ-Ċina u waħda fl-Ewropa) biex isiru possibbli interazzjoni u tagħlim kondiviż fost il-membri tal-GĦE u uffiċjali mill-Afrika, iċ-Ċina, l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll biex tingħata gwida fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u riċerka.

1.1.3. Riżultati

Il-GĦE jsir il-pedament fundamentali għall-proċess ta' djalogu promoss minn din id-Deċiżjoni, filwaqt li jaqdi rwol kruċjali biex ilaqqa' flimkien esperti tal-kontroll tal-armi ta' kalibru żgħir mill-Afrika, iċ-Ċina u l-Ewropa, u b'hekk jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn il-komunitajiet tar-riċerka u dawk tal-politika u biex jiġi żgurat li r-riżultati tal-proġett jiġu trażmessi b'mod effettiv lill-gvernijiet fl-Afrika, iċ-Ċina, l-Ewropa u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

1.2. Fażi 2: Komunikazzjoni ma' partijiet ikkonċernati governattivi fl-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni dwar il-prevenzjoni tad-devjazzjoni u l-ġlieda kontra l-pussess, it-trasferiment u l-użu illegali ta' armi u munizzjon fl-Afrika

1.2.1 Objettivi

(a) it-tnaqqis fid-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fil-kontinent Afrikan, biex b'hekk jitnaqqas it-theddid għas-sigurtà tal-bniedem u jingħata kontribut għal ambjent paċifiku u sigur għaċ-ċittadini Afrikani, u jitrawwem l-iżvilupp;

(b) l-appoġġ lill-Istati Afrikani bl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Prinċipali ta' Passi Prattiċi tal-Unjoni Afrikana biex Jissikktu l-Pistoli fl-Afrika sas-Sena 2020 u l-istrateġiji rilevanti tal-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali;

(c) it-trawwim ta' sinerġiji mal-implimentazzjoni ta' inizjattivi internazzjonali u reġjonali rilevanti oħra, inkluż it-TKA, il-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW u l-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar;

(d) il-koordinazzjoni u s-sinerġija ma' inizjattivi rilevanti fl-Afrika appoġġati mill-Unjoni, inkluż il-proġetti tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' armi u ta' sensibilizzazzjoni dwar it-TKA appoġġati bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2018/299 ([1]) u (PESK) 2018/101 ([2]) u l-proġett iTrace ta' Conflict Armament Research Ltd. (CAR), appoġġat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 ([3]);

(e) l-involviment mal-proċess ta' rieżami legali pluriennali li għaddej bħalissa fiċ-Ċina, li ser jirriżulta fl-adozzjoni ta' Liġi ġdida dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni;

(f) l-appoġġ għall-ħidma ta' kontroll tal-armi ta' kalibru żgħir fil-livell komunitarju billi jintlaħqu n-nies fil-livell lokali u l-forniment ta' opportunitajiet biex jesprimu lilhom infushom u jiġu offruti modi biex titnaqqas it-tbatija umana kkawżata mill-armi u l-munizzjon illeċiti;

(g) l-appoġġ ta' riċerka konġunta u analiżi orjentata lejn l-azzjoni minn esperti mill-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni dwar il-problemi assoċjati mad-devjazzjoni u l-użu ħażin tal-armi u l-munizzjon fl-Afrika, b'rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi li jgħinu biex jiġi indirizzat u jitnaqqas it-theddid assoċjat mal-armi u l-munizzjon illeċiti. Dawn jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: il-kontroll tal-esportazzjoni; il-ħżin sikur u sigur ta' armi u munizzjon; il-qerda ta' armi u munizzjon żejda; l-immarkar, iż-żamma tar-rekords u t-traċċar, inkluż il-kooperazzjoni ma' missjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li għandhom il-kompitu li jidentifikaw u jittraċċaw l-armi illeċiti; il-monitoraġġ u l-infurzar tal-embargi fuq l-armi; u l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali biex jiġu mxekkla n-netwerks tat-traffikar tal-armi.

1.2.2. Attivitajiet

L-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fil-Fażi 2 ser jinkludu:

(a) żewġ seminars (wieħed fl-Afrika u wieħed fiċ-Ċina) dwar "Il-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u tar-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ tal-armi u l-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi u munizzjon għal atturi mhux awtorizzati u destabbilizzanti fl-Afrika" li għandhom isiru taħt il-patroċinju tal-GĦE, li l-membri tiegħu ser jassistu lil Saferworld u ser jipparteċipaw ukoll fl-avvenimenti;

(b) il-produzzjoni u t-tixrid ta' dokument informattiv dwar "Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi u l-munizzjon illeċiti fl-Afrika: Rakkomandazzjonijiet lill-FOCAC", qabel is-summit tal-FOCAC tal-2021);

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/299 tas-26 ta' Frar 2018 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 46).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/101 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 17, 23.1.2018, p. 40).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 tal-11 ta' Diċembru 2017 b'appoġġ għal mekkaniżmu globali ta' rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom ("iTrace III") (ĠU L 328, 12.12.2017, p. 20).

(c) il-produzzjoni u t-tixrid ta' dokument informattiv bl-Ingliż u biċ-Ċiniż dwar il-"Proliferazzjoni ta' armi u munizzjon illeċiti fl-Afrika: x'jistgħu jagħmlu l-istati fornituri biex itaffu r-riskju tad-devjazzjoni?";

(d) tliet żjarat ta' riċerka fuq il-post mill-GĦE ta' għaxart ijiem kull waħda fi tliet pajjiżi Afrikani magħżula biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-proliferazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni mhux ikkontrollata ta' armi u munizzjon illeċiti (inkluż il-kumplessità tal-proċessi ta' devjazzjoni minn trasferimenti jew holdings awtorizzati; u fenomeni transkonfinali problematiċi, bħas-serq tal-ifrat, li jiġu inkoraġġuti mill-proliferazzjoni ta' armi u munizzjon illeċiti);

(e) il-produzzjoni ta' tliet dokumenti ta' riċerka (biċ-Ċiniż, bl-Ingliż u bil-Franċiż) mill-GĦE dwar ir-riċerka fuq il-post, b'rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet prattiċi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-armi u l-munizzjon illeċiti, b'enfasi speċjali fuq ir-rwol tal-fornituri tal-armi fl-Afrika, fiċ-Ċina u fl-Unjoni biex jitnaqqas ir-riskju tad-devjazzjoni;

(f) madwar 20 laqgħa bilaterali ma' uffiċjali mill-Afrika, miċ-Ċina u mill-Istati Membri biex jikkondividu u jikkomunikaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-GĦE, jibnu l-għarfien u l-impetu politiku għal proġetti ta' kooperazzjoni fil-livell uffiċjali;

(g) il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' rapport wieħed ta' riċerka (biċ-Ċiniż, bl-Ingliż u bil-Franċiż) dwar il-proliferazzjoni ta' armi u munizzjon illeċiti fl-Afrika, li ser jivvaluta l-effettività tal-azzjonijiet attwali u ser jinkludi rakkomandazzjonijiet għal proġetti azzjonabbli li ser jgħinu biex jiġu indirizzati aħjar l-armi u l-munizzjon illeċiti, u b'ħekk jitnaqqas l-impatt ta' ħsara tagħhom, u jingħata kontribut għal paċi u sigurtà nazzjonali, reġjonali u internazzjonali mtejba. Ir-rapport ser jinkludi enfasi speċjali fuq ir-rwol tal-fornituri tal-armi fl-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni biex jitnaqqas ir-riskju tad-devjazzjoni ta' armi fl-Afrika;

(h) l-organizzazzjoni ta' seminar tal-għeluq fiċ-Ċina biex jiġu kkomunikati r-rakkomandazzjonijiet mill-proċess ta' riċerka u djalogu u jintwerew il-benefiċċji ta' kooperazzjoni bejn l-Afrika, iċ-Ċina, l-Unjoni u l-Istati Membri u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet konġunti, kif ukoll l-istabbiliment ta' proċessi biex isostnu d-djalogu fil-futur.

1.2.3. Riżultati

— Iż-żieda fil-kuxjenza, fl-għarfien u fil-fehim ta' 500 attur komunitarju tal-politika mill-Afrika, miċ-Ċina u mill-Unjoni, inkluż uffiċjali inkarigati mill-kontrolli tal-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali, akkademiċi, parlamentari, organizzazzjonijiet nongovernattivi, rappreżentanti tal-industrija u ġurnalisti, dwar il-fatturi li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà mifruxa ta' armi u munizzjon illeċiti fl-Afrika, il-kwistjonijiet u l-impatti ewlenin fil-kamp u r-rwol u r-responsabbiltà tal-istati fornituri tal-armi biex jitnaqqas ir-riskju ta' devjazzjoni meta jiġu ttrasferiti l-armi.

— It-titjib fid-djalogu, l-interazzjoni u l-kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fost 60 uffiċjal mill-Afrika, miċ-Ċina, mill-Ewropea u mill-Istati Membri, u atturi tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' oqsma għal kooperazzjoni prattika bejn l-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni, li ser jgħinu fit-tnaqqis tad-devjazzjoni ta' armi u munizzjon fl-Afrika.

— It-tnaqqis fl-għadd ta' okkorrenzi u każijiet ta' armi u munizzjon li jiġu ddevjati għal atturi mhux awtorizzati u destabilizzanti l-Afrika.

— L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Prinċipali ta' Passi Prattiċi tal-Unjoni Afrikana biex Jissikktu l-Pistoli fl-Afrika sas-Sena 2020 u l-Programm ta' Azzjoni tan-NU kontra SALW illeċiti.

— Allinjament akbar ta' normi u regolamenti nazzjonali fl-Afrika u fiċ-Ċina ma' standards internazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, bħat-TKA, bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' devjazzjoni meta jsir kummerċ tal-armi.

— Ir-ritorn tal-kontroll tal-armi fuq l-aġenda tal-FOCAC bħala punt ta' dħul vitali biex jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Afrika u ċ-Ċina dwar il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi għal atturi mhux awtorizzati u destabbilizzanti fl-Afrika.

— Il-produzzjoni ta' korp ta' analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-problema tal-armi u l-munizzjon illeċiti fl-Afrika, abbażi ta' riċerka konġunta fil-kamp minn esperti mill-Afrika, miċ-Ċina u mill-Unjoni li ser jikkontribwixxi għal fehim sħiħ aħjar tad-devjazzjoni u t-trasferiment mill-ġdid ta' armi lil atturi mhux awtorizzati u destabbilizzanti fl-Afrika u jipprovdi bażi komuni aktar b'saħħitha għall-Afrika, iċ-Ċina u l-Unjoni biex jaħdmu flimkien b'mod aktar effettiv biex jindirizzaw il-problema.

— L-identifikazzjoni ta' mezzi prattiċi biex jiġi indirizzat it-theddid assoċjat mal-proliferazzjoni ta' armi u munizzjon illeċiti u l-ħtieġa għal reazzjonijiet internazzjonali kollettivi u kooperattivi, f'konformità ma' impenji internazzjonali u reġjonali ewlenin u inizjattivi ta' politika, bħall-Programm ta' Azzjoni tan-NU kontra SALW illeċiti, l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, it-TKA, l-Istrateġija tal-Unjoni Afrikana dwar il-Kontroll tal-Proliferazzjoni Illeċita, iċ-Ċirkolazzjoni u t-Traffikar ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, l-Aġenda Strateġika 2020 bejn l-UE u ċ-Ċina għall-Kooperazzjoni, l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċina, u l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u l-Munizzjon tagħhom u l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni rilevanti tal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali.

— Il-kapaċità msaħħa ta' awtoritajiet nazzjonali u organizzazzjonijiet reġjonali mill-Afrika biex jidentifikaw ħtiġijiet speċifiċi għall-assistenza teknika u l-identifikazzjoni ta' pjattaformi xierqa fid-djalogu tagħhom maċ-Ċina u l-UE biex ir-riżorsi jkunu diretti b'mod li jintlaħqu dawn il-ħtiġijiet.

2. Parteċipanti u postijiet għal seminars/sessjonijiet ta' ħidma u avvenimenti tal-għeluq u tal-ftuħ

Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-test ta' dan l-Anness, Saferworld ser tipproponi parteċipanti u postijiet potenzjali għal seminars u avvenimenti oħra li huma previsti fil-qafas tal-proġett, li mbagħad jiġu approvati mir-RGħ, f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill.

3. Ugwaljanza bejn is-sessi

Saferworld ser tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fi strateġiji u attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett sabiex in-nisa u l-irġiel jinfluwenzaw il-proġett, jipparteċipaw fih u jibbenefikaw minnu b'mod ekwu. Sa fejn ikun possibbli, Saferworld ser tinkoraġġixxi lis-sħab fil-proġett biex jipproponu delegazzjonijiet imħallti fil-ġeneru biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-proġett u jiżguraw li l-impatt fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-armi u l-munizzjon illeċiti jiġi inkluż fis-seminars u ż-żjarat ta' studju kollha.

4. Sħab

Huwa previst li s-sħab ewlenin tal-proġett ser ikunu l-Assoċjazzjoni taċ-Ċina għall-Kontroll tal-Armi u d-Diżarm u ċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Informazzjoni dwar is-Sigurtà (il-Kenja).

5. Kumitat ta' Tmexxija

Il-Kumitat ta' Tmexxija għal dan il-proġett ser ikun magħmul minn rappreżentant tar-RGħ, tal-Kummissjoni u ta' Saferworld. Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jeżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni darba kull sitt xhur, inkluż permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

6. Rappurtar

Saferworld ser tipprovdi rapporti narrattivi kull sitt xhur biex teżamina l-progress lejn ir-riżultati tal-proġett. Saferworld ser tippreżenta wkoll rapporti narrattivi u finanzjarji annwali u rapport finali fi żmien sitt xhur minn tmiem il-perijodu ta' implimentazzjoni.

7. Viżibbiltà tal-Unjoni u disponibbiltà ta' materjal ta' assistenza

Materjal prodott fil-kuntest tal-proġett u s-sit web apposta ser jiżguraw il-viżibbiltà tal-Unjoni, ibbażata b'mod partikolari fuq il-logo u t-tabella grafika tal-Manwal ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu involuti f'avvenimenti f'pajjiżi terzi biex jissaħħu s-segwitu politiku u l-viżibbiltà.